MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 16/2006

**Peter Borg**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Peter Borg datat 7 ta' Novembru 2006 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar b'decizjoni moghtija fil-25 ta' Ottubru 2006, cahad l-applikazzjoni tal-esponenti kif hemm deskritt fl-istess sentenza u ghalhekk l-esponenti qed jinterponi dan l-appell fuq punti ta' ligi.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan il-punt ta' ligi:-

Illi l-Bord ta’ l-Appell uza *policy* li hemm dwar l-agrikoltura ghall-kaz in ezami. Ghalkemm dan huwa zball komuni, *“agricultural”* ma tfissirx it-trobbija tal-annimali, imma tfisser li l-art (ager  fil-Latin) tkun kultivata. Tfisser li tahdem l-art, tizra, tahsad, jew thawwel u tiehu l-frott.

It-trobbija hija ghal kollox differenti. Tehtieg is-sengha li mhux zghira li taghzel l-iprem ragel mal-iprem nisa li jkun hemm, halli l-wild ikun l-ahjar. Dan mis-serduk sal-barri u l-muntun, min-naha l-ohra sat- tigiega, il-baqra u n-naghga.

Jekk wiehed ihares lejn l-imghoddi u anke lejn il-present, waqt li l-bidwi jista’ jghix komdu, skond l-istil tal-hajja fejn ikollu r-raba’, fl-irziezet fejn izomm il-bhejjem, jafda lill-bhejjem joqghodu jqumu u jorqdu wehidhom, jekk ma jkunx f’numru limitat, fejn il-laham taghhom jew il-bajda taghhom isservi ghall-htiegijiet tal-familja. Meta t-trobbija tkun fuq skala li tizboq dik il-htiega, il-bhejjem jitqieghdu boghod minn fejn ir-rahhal izzomm lilu nnifsu u l-familja tieghu.

Hawn *si tratta* ta’ kmamar fejn il-fniek jaghmlu l-bejta taghhom, itellghu iz-zghar u jitlestew ghas-suq. Waqt li jkun hemm htiega ta’ protezzjoni, imma mhux necessarju li jkun hemm il-presenza tar-rahhal, jew il-*breeder*. F’razzett normali, fejn il-fniek jitghammru u jbejtu kif jaghmlu huma. Minhabba l-iskala taghhom, ikun hemm il-htiega li jinghataw l-ghalf u l-ilma u min irabbi jindokra li ma jkunx hemm mard, imma l-bqija mhux ser ikun mehtieg jaghmilha ta’ majjistra.

Illi l-Bord ta’ l-Appelli jsejjes id-decizjoni tieghu fuq regoli tal-agrikoltura u ghalhekk huwa zbaljat fuq punt ta’ ligi, ghaliex it-trobbija tal-fniek ma tinkwadrax legalment taht id-definizzjoni ta’ “agrikoltura”.

F’dan il-kaz partikolari, kif jidher car, l-esponenti kien ghamel kors mas-servizzi veterinarji u nghata certifikat, l-istess dipartiment ta *no objection* li jsir il-progett, izda l-

Bord ta’ l-Appell tal-Mepa deherlu li japplika kriterji li ma jaghmlux ghall-kaz.

Dan huwa zball daqs dak li jaghmlu n-nies li jhawdu bejn cens temporanju ta’ residenza  u kirja. Fit-tnejn ihallsu r-rati, u fiz-zewg kazi kapaci jghammru fil-post. Imma hemm bahar x’jaqsam legalment.

L-istess f’dan il-kaz.

Dan l-izvilupp ta’ trobbija ta’ fniek fuq bazi kummercjali, u mhux biex min irabbi jkollu fenek xi jsajjar ghall-familja, jehtieg li jkun barra zoni residenzjali, u fejn hargu permessi dawn kollu kien l-barra mill-bini. Hekk hemm wiehed simili fl-inhawi ta’ wara l-Maghtab. Eqreb lejn it-triq li minn Naxxar taghti ghas-Salini.

L-argument li l-espenenti mhux *full time farmer* hija wkoll zbaljata. L-ewwel nett ghaliex il-htiega ta’ xoghol *full time* ma tezistix f’dan il-kaz. In-natura hawn tiehu hsieb taghha nfisha ghal 95% tax-xoghol mehtieg, u sa ma jaf l-avukat sottoskritt, li ncindentalment kellu nannuh rahhal u mhux bidwi, il-fniek ma jinhalbux, u min irabbihom ma jridx joqghod jahlibhom u jwassal il-halib taghhom il-Magna kif jghidu.

Sa fejn hu maghruf ir-razzett tal-fniek, fejn ma hemmx residenza, u l-anqas f’dan il-kaz, hija tat-tifel tal-mibki Onor. Imhallef Dr. Agostino Gauci Maestre, li spiss jidher fit-toroq tal-Belt pulit pulit, minghajr riha ta’ fniek, u jekk l-informazzjoni hija korretta, ghandu wkoll agenzija tal-vapuri jew simili.

Id-differenza bejn l-agrikoltura u t-trobbija tal-annimali hija li filwaqt li f’ta’ l-ewwel l-istrutturi mhux mehtiega, ghaliex il-wicc jitla’ fl-arja miftuha, fejn jidhlu l-bhejjem irid ikun hemm l-ilqugh u l-kenn. Fin-natuta tal-fniek jaghmlu l-bejta taghhom taht l-art. Meta jkun fuq wicc l-art, irid ikollhom x’jilqa’ u anke jostor. Min rabba l-fniek, anke fuq skala zghira jaf li l-fenka jaghmlulha kaxxa fejn tnittef sufha u taghmel benniena ghaz-zghar taghha. Jekk ma jkunx hemm dan il-wens, ixxeridhom u tinsihom.

Mela l-istrutturi huma mehtiega, u kif gja nghad, iridu jkunu barra mill-abitat. Ir-ragunijiet huma varji. Fosthom u mhux lanqas il-problema li l-fniek iressqu l-grieden minhabba l-irwejjah ormonali u simili ghall-fniek, u dan barra wkoll l-irwejjah tal-gwiez li jghodd ghaz-zewg tipi ta' hlejjaq.

Illi l-Mepa dan l-ahhar faslet *policy*, per ezempju, fuq it-trobbija tal-majjali, li r-regoli taghhom mhux l-istess bhal ta' l-agrikoltura. Hemm tizdied ukoll il-problema tad-demm u l-irwejjah li tiggenera.

Regoli specifici dwar it-trobbija tal-fniek ma hemmx. Il-Bord ma setax japplika l-proncipji bl-*eiusdem generi*, ghaliex mhux *idem genus* ma' l-agrikoltura, *stante* li l-fenek mhux pastarda u l-anqas tadama tas-serer.

Ta' min jghid ukoll li t-trobbija tal-fniek fuq skala kummercjali ghadha fil-bidu taghha f'Malta. Hemm pajjizi fl-Ewropa fejn jittiekel il-fenek, ghalkemm hemm certa rezistenza minn dawk li jieklu l-laham, apparti mill-vegetarjani bhall-avukat sottoskritt, ghaliex il-fenek jitqies bhala *"pet"* u ghalhekk idarras in-nies li jarawh fuq il-platt taghhom. Hekk ukoll il-glud taghhom qed isib suq tajjeb. Dan jidher li hija l-esperjenza tal-istrutturi li hemm il-Maghtab. Ma tistax tistenna, barra ghar-ragunijiet imsemmija li wiehed ikun *full time* mill-bidu meta l-bidu ghadu bidu.

Ghall-moralita' tal-kaz, ghandu jinghad li dan mhux tentattiv biex wiehed jibni *farmhouse*, bil-giebja ghall-htiegijiet ta' *farmhouse*, mbaghad jinghad li n-negozju mhux qed jaghti, u l-*farmhouse* issir residenza, u l-giebja ssir *swimming pool.* Il-progett kien juri li ma kienx hemm din il-possibilita'.

**L-Appikazzjoni tal-istess ligi kwotata mill-Bord.**

Waqt is-smigh tal-process kienet saret riferenza u prova li fl-istess inhawi nghata permess ghall-razzett lil *farmer* li

ma kienx *full time*. Ghalkemm ma kienx *full-time* ntqal li kellu kapacita' kbira!!

Kemm hi ligi li tidher iebsa, imbaghad titpogga fil-halq, tirtab u ssir *chewing gum*? Imbaghad terga' tinhareg ghall-arja u terga' tibbies!

L-esponent jsostni li r-ragunament legali tas-sentenza huwa wkoll difettuz ghal din ir-raguni tal-precedent lampanti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi tirrevoka d-decizjoni appellata bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 23 ta' Novembru 2006 a fol. 8 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Peter Borg vs l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-Awtorita` ta' Malta datata 20 ta' Frar 2007 a fol. 10 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi apparti li dan l-appell mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikkejdi l-**artikolu 15 (2)** ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar (Kap 356) li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)'.*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp,** (deciza fil-31 ta' Mejju 1996) fejn gie spjegat illi:-

*'Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi … Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun*

*necessarjament dwar kwistjoni ta’ dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.’*

F’dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal numru ta’ decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta’ fatt u punt ta’ dritt u senjatament:

**Frans Cuschieri vs. DCC (10/02 RCP)**
**Santino Gauci vs. DCC (32/01 RCP)**
**Salvu Sciberras vs. PA (26/01 RCP)**

Ilkoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta’ Marzu 2003.

2. Illi dan qed jinghad ghaliex l-aggravju tal-appellant jittratta fuq il-fatt li l-Bord ma kellux japplika l-*policy* relatata mal-*“agricultural buildings”*. Illi minkejja ir-*“write up”* zgur interessanti tal-appellant ta’ x’inhu rahhal u bidwi, fl-istess hin dan ma jghidx x’kienet il-*policy* li skond hu l-Bord kellu japplika. Hu jghid fl-appell illi tezisti *“policy”* ricenti fuq it-trobbija tal-majjali, pero’ gialadarba ma tezistix *“policy”* appozita fuq il-fniek, l-Awtorita’ esponenti ma tistax tifhem x’kellu japplika l-Bord hlief mhux il-*“policy”* fuq l-*“agricultural buildings”.* L-appellant irid japprezza li l-Bord hu marbut li japplika l-*“policies”* vigenti waqt il-mument tad-decizjoni.
3. Illi huwa car illi l-MEPA irrifjutat it-talba ghar-rakkomandazzjoni ghaliex *inter alia “applicant is not a full-time breeder running an animal farm in the vicinity of the site for at least two years prior to the application”.* Ghaldaqstant, huwa car u ovvju li saret distinzjoni bejn x’inhu rahhal u x’inhu bidwi. Kien il-perit tal-applikant stess li ammetta l-fatt li l-appellant ma kienx *“a full time breeder”* izda *“a part-time breeder”* li xtaq isir *“full time”.*

4. Illi *inoltre’* l-appell quddiem il-Bord kien imsejjes fuq ragunijiet ta’ ippjanar bhal ma huma estetika u mhux fuq il-fatt illi l-*“policy”* fuq *“agricultural buildings”* ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

5. Illi finalment, a rigward l-allegazzjoni li fiz-zona nghataw xi tip ta' permessi ohra, dan il-punt qatt ma gie mqajjem quddiem il-Bord u wisq l-anqas deciz u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' issa fuq dawn l-allegazzjonijiet li wara kollox ma gewx sostanzjati fl-appell. Dawn setghu, ghal kull buon fini kellhom kull kriterju stabbiliti minn din il-*"policy"* sabiex jikkwalifika ghall-permessi.

6. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar hija gusta u timmerita konferma u *inoltre'* din saret wara *'site inspection"* min-naha tal-Bord fejn seta' jikkonstata n-natura tas-sit mertu tal-appell odjern (ara pagna 6 u 7 tad-decizjoni).

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 25 ta' Ottubru 2006, u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti Peter Borg, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-25 ta' Ottubru 2006 bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta' Marzu 2006 u 9 ta' Mejju 2007 fejn dan l-appell thalla ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant kien issottometta applikazzjoni sabiex jaghmel *rabbit farm* jew inkella razzett ghat-trobbija tal-fniek gewwa sit f"Wied Moqbol, iz-Zurrieq, u din l-applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghaliex l-applikant ma kienx *"full time breeder",* u ghalhekk tmur kontra l-kriterji stabbiliti f'paragrafu 11.2. (b) ta' l-*Structure Plan Explanatory*

*Memorandum* u kontra l-*policies* AHF 5 u SET 11 u *Malta Environment & Planning Authority's Policy and Design Guidance – Farmhouses and Agricultural Buildings u* wkoll ghaliex tali zvilupp imur kontra *Plan Policy SET 11* li ma jhalliex bini barra miz-zona ta' zvilupp u ladarba nghad li dan l-izvilupp ma kienx jaqa' taht dak indikat f'paragrafu 7.6 tal-Pjan ta' Struttura mela allura dan il-Bini jmur kontra l-*policy* BEN 5.

Illi minn dan ir-rifjut sar appell mill-appellant quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn sostna li d-Dipartiment tas-Sahha, id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji, u l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma ma kienux oggezzjonaw ghal dan l-izvilupp u l-appellant kien lest li jaghmel *environmental impact assessment*.

Illi la darba bhala fatt gie stabbilit li l-appellant kien biss *part-time farmer* u lanqas registrat bhala *breeder,* l-applikazzjoni tieghu kellha tigi rifjutata peress bl-applikazzjoni ta' 11.3. tal-*Structure Plan Explanatory Memorandum* (1990) u paragrafu 1.9.1. (a) *Policy and Design Guidance – Farmhouses and Agricultural Buildings* l-applikazzjoni sabiex isir razzett ghall-animali jrid jsir minn persuna registrata bhala *breeder full time* u ghandu jkun hemm il-*clearance* tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, u la darba l-applikant ma huwiex *full time breeder* u ma kien hemm ebda *clearance* tad-Dipartment ta' l-Agrikoltura, dan l-izvilupp ma kienx ser jigi awtorizzat.

Illi l-appellant argumenta li huwa a *registered farmer* u kien ser jaqleb ghal *full time rabbit breeding* u qal li huwa *part-time farmer* u kien qed jissugerixxi li jaghmel dan fis-sit minnu propost, u l-izvilupp propost kien ser ikollu effett minimu fuq l-i*skyline* u kien ser isir b'tali mod li kien ser jigi konformi mal-*policy* AHF 5. Ma qabilx mat-tieni raguni ta' rifjut ghaliex dan l-izvilupp seta' jsir skond il-paragrafu 7.6 tal-Pjan ta' Struttura ghaliex dan kien bini legittimu li jsir f'tali zoni kif hemm deskritt. Dan barra li fl-istess inhawi kien hemm diversi rziezet.

Illi jidher li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hadet in konsiderazjoni li l-inhawi kienet tikkonsisti f'*area*

abbandunata ta' art agrikola fejn fil-madwar kien hemm diversi rziezet, u dwar dan saret rimarka mill-istess Bord dwar attivitajiet ta' zviluppi li kien hemm fil-vicinanzi u ghalkemm hadet konnjizzjoni li ma kien hemm ebda oggezzjoni mid-dipartimenti kollha koncernati nkluz il-*Principal Veterinary Officer,* ikkonstatat li l-*policies* ta' l-ippjanar ghall-izvilupp ta' razzett tal-annimali kellha tigi meqjusa bir-reqqa, b'dan li tali attivita' agrikola tkun genwina u li tali zvilupp jinghata biss lil *"bona fide full time farmer"* li jkun ilu jmexxi l-attivita` ghal minn ta' l-inqas sentejn u ghamlet riferenza ghall-paragrafu 1.5.1. dwar *Farmhouses and Agricultural Buildings tal-1995* u abbazi ta' l-istess iddecieda li darba l-applikant ma kienx *full time breeder* tant li la huwa registrat bhala *breeder* u lanqas *part time,* mela allura ma setghatx taghti l-permess ghall-istess zvilupp li huwa fuq skala pjuttost kbira.

Illi l-appell odjern huwa bbazat fuq l-argumentazzjoni li l-Bord ma setghax japplika l-*policies* dwar l-agrikoltura meta hawn kien jittratta dwar applikazzjoni ghall-bini ghat-trobbija tal-fniek, pero' *in verita'* l-istess decizjoni tal-Bord jidher li trattat il-kaz mill-bidu nett tieghu bhala applikazzjoni ghall-izvilupp ta' razzett ghat-trobbija ta' l-annimali, f'dan il-kaz fniek, tant li r-riferenza li saret kienet ghall-applikant bhala *breeder* u fil-fatt l-applikazzjoni giet rifjutata ghaliex l-applikant ma kienx *a full time breeder.*

Illi dan l-appell huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li dak li kellu jigi kkunsidrat f'dan il-kaz mhux il-*policies* dwar l-agrikoltura izda dawk dwar l-annimali u din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li dak li fil-fatt gara fil-kaz in ezami u fil-fatt l-applikazzjoni giet trattata mill-*punto di vista* ta' l-appellant bhala *breeder* u mhux ta' bidwi, u dan wkoll bl-applikazzjoni tal-paragrafu 1.5 u paragrafu 1.9.1 tal-*Farmhouses and Agricultural Buildings Policy and Design Guidance tal-1995* l-istess bord iddecieda li l-applikazzjoni ma setghatx tigi permessa peress li l-istess applikant ma kienx *bona fide full time breeder* kif skond huwa hemm provdut fl-istess *policies* hawn indikati u ohrajn citati fl-istess sentenza, li kienu dawk applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi f'dan is-sens din il-Qorti thoss li kienu dawn il-*policies* li kellhom jigi applikati ghall-kaz in ezami u fil-fatt jinghad li l-paragrafi msemmija u partikolarment dak numru 1.9 jirreferu ghall-*Buildings for Animal Breeding,* u fl-istess *policy* hemm riferenza fl-Appendix I ghal dak li huwa msejjah bhala *rabbitry.* B'hekk ma hemm l-ebda dubju li l-*policies* applikabbli ghall-kaz in ezami kienu proprju dawk adottati u l-ilment li l-Bord ma kellux japplika l-istess *policies* ghall-kaz ta' trobbija ta' annimali ma huwiex korrett.

Illi dan apparti l-fatt li appell quddiem din il-Qorti huwa permessibbli biss skond l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** li jipprovdi:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord."*

Illi din il-Qorti diga' kellha diversi opportunitajiet sabiex tiddeciedi dwar l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356** u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghall-istess decizjonijiet, whud minnhom kwotati mill-istess awtorita' appellata. Ghall-iskop ta' din is-sentenza jinghad illi fis-sentenza **"Charles Demicoli vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Jannar 2003) gie ritenut li: -

*"L-artikolu 15(2) ta' l-Att 1 ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell.*

*Illi johrog car minn ezami akkurat ta' din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi*

*mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi l-istess fis-sentenza fl-ismijiet **"Michael Gatt vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A. C. - deciza 19 ta' Novembru 2001 – Appell Numru 220/00) inghad:-

*"Din id-disposizzjoni tal-Ligi giet interpretata minn din il-Qorti f'hafna okkazzjonijiet ricentement. Din il-Qorti tista' tirrevedi u tissindika biss dawk id-decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punt ta' dritt li jkun gie deciz mill-Bord. Dan ifisser li l-Ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u fuq kwistjonijiet ta' l-ippjanar li jkunu jinvolvu sempliciment aspetti teknici. Lanqas ma hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew decizi fid-decizjoni appellata tal-Bord."*

Illi din l-interpretazzjoni ristrettiva hadet xejra ohra fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Cassar vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fil-31 ta' Mejju 2002 fejn intqal illi:-

*"Huwa veru li interpretazzjoni esklussivament litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni twassal ghall-konkluzjoni li s-sottomissjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar hija wahda legalment korretta. Pero' il-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma waqfitx biex tistrieh esklussivament fuq l-interpretazzjoni litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni, cioe'* ***l-artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992.*** *Jekk punt tad-dritt ikun necessarjament involut fid-decizjoni tal-Bord, allura appell fuq l-istess punt ta' dritt ikun ammissibbli lil*

*din il-Qorti ta' revizjoni, ghaliex il-Bord ikun iddecieda l-istess punt ta' dritt, sia' pure tacitament. Hekk, per ezempju, nsibu diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti li ddikjarat appell ammissibbli meta tigi sollevata l-eccezzjoni li l-Bord ikun agixxa ultra vires. Dan sostanzjalment fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda indirettament u tacitament li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kif iddecieda d-decizjoni tieghu."*

Illi pero' xorta jibqa' l-fatt li l-kompetenza ta' din il-Qorti skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kap 356** hija wahda limitata u fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*'Irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-imsemmi Att 1 ta' l-1992, hija wahda limitata hafna. Dan billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni ... Illi dan billi l-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghal kaz partikolari. Tali interpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti, m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikhom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni.*

Illi dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-*policies* u l-applikazzjoni ta' l-istess ghall-fatti tal-kaz maghmula mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Qorti, fosthom dik fis-sentenza fl-ismijiet **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (deciza 28 ta' Frar 1997 – Qorti ta' l-Appell) fejn l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*'Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cioe` l-Artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-*

*Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta.'*

Illi l-istess insenjament gie kkonfermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Delicata vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (deciza 31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u interpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' Bord fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dak li ghamel il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess imsemmija decizjoni kien biss li huwa applika l-*policies* li kellu quddiemu. Dawn il-*policies* kienu vigenti fiz-zmien ta' processar ta' l-applikazzjoni quddiemu ghall-izvilupp in kwistjoni u jirrizulta wkoll li dan ghamlu *entro* l-kompetenza tieghu. Allura certament li dan kollu ma jinkwadrax ruhu bhala appell li jista' jsir quddiem il-Qorti abbazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356** u dan ghaliex kull ma ghamel l-istess Bord kien li applika l-

*policies* ghall-kaz in ezami u din hija fil-kompetenza esklussiva ta’ l-istess Bord.

Illi ghalhekk f’dan is-sens din il-Qorti thoss li fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kull ma’ kien hemm kien applikazzjoni tal-*policies* applikabbli ghall-kaz in ezami, u dan kien fil-kompetenza esklussiva ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u ghalhekk abbazi tal-premess tali appell lanqas jaqa’ fit-termini ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi dan ifisser li din il-Qorti ghandha ssegwi l-insenjamenti pronunzjati fis-sentenzi fuq citati nkluza dik ta’ **“Noel Bonnici vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (deciza fit-30 ta’ Marzu 2006) fejn jinghad:-

*“Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dak li ghamel il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess imsemmija decizjoni kien biss li huwa applika l-policies li kellu quddiemu. Dawn il-policies kienu t-tnejn vigenti fiz-zmien ta’ processar ta’ l-applikazzjoni quddiemu ghall-izvilupp in kwistjoni u jirrizulta wkoll li dan ghamlu entro l-kompetenza tieghu. Allura certament li dan kollu ma jinkwadrax ruhu bhala appell li jista’ jsir quddiem il-Qorti abbazi ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356.** Infatti l-appell interpost mhuwiex hlief appell minn punt ta’ fatt u mhux kif qed isostni l-appellant li huwa fuq punt ta’ ligi. F’dan is-sens din il-Qorti thoss li fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kull ma’ kien hemm kien applikazzjoni ta’ l-Iskemi Temporanji u l-policies applikabbli ghall-kaz in ezami, u dan fil-kompetenza esklussiva ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar….”.*

Illi dwar it-tieni aggravju u cjoe’ fejn saret allegazzjoni li kien inhareg permess lil persuna li ma kenitx *full time breeder,* ma jirrizultax li dan il-punt qatt tqajjem waqt it-trattazzjoni ta’ l-appell u ghalhekk ma jistax jitqajjem f’dan l-istadju.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi kollu kemm huwa michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' l-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 20 ta' Frar 2007 inkwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Peter Borg fir-rikors ta' l-appell tieghu tas-7 ta' Novembru 2006** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Peter Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 27 ta' Ottubru 2006.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------